MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Numru. 50/2007

**Pulizija**
**Sp Louise Calleja**
**vs**
**Lawrence Farrugia**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Lawrence Farrugia ta' 26 sena iben Joseph u Alfreda nee Long mwieled Pieta fid-29 ta' Mejju 1980 u residenti 7 Triq l-Immakulata Kuncizzjoni Zabbar, ID 265380(M).**

**Akkuzat talli fil-31 ta' Dicembru 2006 u fis-6 ta' Jannar 2007 fil-Mosta b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:**

**(1) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' "X";**

**(2) Offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.**

**Il-Qorti qed tordna divjet fuq l-isem ta' "X", l-vittma.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh. Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar is-serjeta ta' l-akkuzi izda l-imputat kkonferma l-ammissjoni ta' htija wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha. Stante l-ammissjoni, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 28A, 18, 207 u 209 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda. Stante l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif spjegati lil din il-Qorti, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija li ma ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk fis-sentejn li gejjin, l-imputat jwettaq reat iehor. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi kliem semplici. Il-Qorti qed tordna wkoll li din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali, skond il-Kap 9.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------